Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 148/2017

Il-Pulizja

Vs

John Debono

Illum 11 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 774352 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Gunju u Lulju 2016:

Naqas li jaghti lil Carmela Xerri, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hat ital-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u fin-nuqqas li tirriforma l-istess billi tapplika piena anqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant:

1. L-impossibilita li jigi kommess ir-reat in kwantu l-esponenti huwa totalment sprovvist mill-mezzi. Illi ghalkemm l-esponenti kellu fl-imghoddi l-flus u kien komdu ekonomikament huwa llum il-gurnata fallut totalment u ghandu jaghti miljuni litteralment lill-banek tramite l-kumpanija tieghu JDC Company Limited. Illi dawn id-djun, biex ma jissemmewx djun ohra ma terzi, ma' jinkludix l-imghax li qed jiddekorri ta' kuljum. Illi l-esponenti assolutament ma' fadallu xejn u ma' ghandux biex ihallas u ghalhekk qed jaghti d-difiza tal-impossibilita' li jikkommetti r-reat stante li llum ikun inverosimili li jigi pretiz li l-esponenti ghandu x-xjenza kriminali biex jikkommetti reat meta huwa ma' ghandu l-ebda triq ohra hlief li minhabba kif zviluppaw ic-cirkostanzi jaghmel dak li jinsab akkuzat bih. Illi l-esponenti mhux qed jobdi d-digriet moghti mhux biex jikkommetti reat izda ghax ma ghandux xelta ohra.

2. Illi l-piena ta' detenzjoni f'cirkostanzi bhal dawn hija ottuza. Illi di più, l-appellanti huwa fi stat ta' sahha prekarju hafna u ghalhekk huwa indesiderabbli li f'kaz ta' htija tigi applikata piena ta' detenzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi llum seduta stante l-parte civile iddikjarat illi hija thallset il-manteniment kollu dovut f'din il-pendenza. Illi ghalkemm xorta wahda tirrizulta r-reita, madanakollu fid-dawl tac-cirkostanzi fejn il-partijiet issa ssorvolaw id-divergenzi ta' bejniehtom, hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar prigunerija u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima LL.D
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur